## Servizz Pubbliku ta' Malta

## Sejħa għall-applikazzjonijiet għal studenti biex jinħatru bħala ICT Support Officer wara li jtemmu b'suċċess kors li jwassal għal Advanced Diploma / Certificate fl-IT akkreditat f' livell 4 tal-MQF mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), l-Universita' ta' Malta (UoM) jew kwalunkwe Istituzzjoni oħra rikonoxxuta ta' Edukazzjoni Ogħla.

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1.1 L-Istitut għas-Servizzi pubbliċi (IPS) qed ifittex li jidentifika studenti xierqa minn barra s-Servizz Pubbliku li qed isegwu kors fuq bażi full-time li jwassal għal Advanced Diploma / Certificate fl-IT akkreditat f'Livell 4 tal-MQF mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), l-Universita' ta 'Malta (UoM) jew kwalunkwe Istituzzjoni oħra rikonoxxuta ta' Edukazzjoni Ogħla fil-korsijiet li ġejjin:

a) **Advanced Diploma in IT**
b) **Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks)**
c) **Advanced Diploma in IT (Multimedia Software Development)**
d) **Advanced Diploma in IT (Software Development**
e) **Certificate in ICT Foundation Studies**

1.2 Il-kors jinkludi lezzjonijiet fil-klassi u work placement fi ħdan is-Servizz Pubbliku ta' Malta f'oqsma relatati mal-kontenut tal-kors. L-applikanti magħżula li jiggradwaw fl-Advanced Diploma/Certificate fl-IT jinħatru ICT Support Officer fi Skala ta' Salarju 13 fi ħdan wieħed mid-diversi Ministeri fis-Servizz Pubbliku, suġġett għat-termini, kundizzjonijiet u benefiċċji stipulati f' din iċ-ċirkolari.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Il-kandidati li jintgħażlu għall-IPS Student Scheme li qed isegwu kors li wassal għal Advanced Diploma/Certificate fl-IT jidħlu fi studju u work placement fi ħdan is-Servizz Pubbliku ta' Malta skont struzzjonijiet mogħtija mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.2 L-uffiċjali magħżula ma jkunux ikkunsidrati bħala Uffiċjali Pubbliċi qabel il-ħatra fil-grad ta' ICT Support Officer.

2.3 Ir-remunerazzjoni hija b' rata fis-siegħa tal-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 (€18,188 fl-2025) għat-tul tal-kors. Bonus u income supplement ikunu fuq bażi prorata skont l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali u leġiżlazzjoni oħra rilevanti. Din ir-remunerazzjoni ma taffettwax id-dritt tal-istudent għall-istipendju.

2.4 Il-kandidati li jiġu magħżula għandhom jiddiskutu l-iskeda tax-xogħol tagħhom mal-Maniġers tal-linja tagħhom abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- Ottubru sa Ġunju – Minimu 8 sigħat sa massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa
- Lulju sa Settembru – Minimu ta' 30 siegħa sa massimu ta' 39 siegħa fil-ġimgħa

2.5 Il-kandidati jintgħażlu waqt li jkunu qed isegwu l-kors u jiġu assenjati dmirijiet f'oqsma li huma relatati mal-kors li jkun qed jiġi segwit. Dan se jipprovdi lill-kandidati l-opportunita' li jiġu sorveljati filwaqt li japplikaw l-għarfien akkademiku tagħhom f'ambjent ta' xogħol prattiku waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom

2.6 Il-work placement isir matul is-sena skolastika kollha skont it-tfassil tal-kors, u waqt il-

vaganzi akkademiċi tas-sajf. Il-vacation leave jista' jittieħed biss waqt il-work placement. Il-leave minħabba mard u vacation leave jiġi kkalkulat fuq bażi pro-rata skont in-numru ta' sigħat maħduma.

2.7 Sakemm idum il-kors, l-IPS u l-MCAST, l-UoM, jew kwalunkwe Istituzzjoni oħra rikonoxxuta ta' Edukazzjoni Ogħla se jikkollaboraw biex jaqsmu informazzjoni dwar l-istudji u l-prestazzjoni tal-istudenti.

2.8 Matul il-perjodu tal-work placement, l-applikanti jkunu intitolati għal leave ta' studju mhux imħallas u jistgħu ma jattendux għax-xogħol għal mhux aktar minn erbat (4) ijiem ta' xogħol qabel kull eżami.

2.9 Wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors u jkunu kisbu l-Advanced Diploma/Certificate fl-IT, u sabiex tiġi żgurata progressjoni xierqa fil-karriera, il-kandidati jinħatru bħala ICT Support Officer fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 13 (€21,042 x €335.50 – €23,055 fl-2025) u jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku skont l-ordni tal-mertu. Il-post ta' ICT Support Officer tinkludi progressjoni fl-ewwel snin ta' servizz

2.10 Il-ħatra ta' ICT Support Officer hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur. Il-ħatriet huma fuq bażi full-time u huma suġġetti għar-regoli u r-regolamenti li jirregolaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta u jinvolvu l-possibilita' li jiġu trasferiti fi ħdan is-Servizz Pubbliku biex jiġi żgurat li s-servizz jingħata b' mod effettiv.

2.11 L-ICT Support Officer ikun intitolat ukoll għal dawk il-benefiċċji u dawk il-kundizzjonijiet u obbligi kif stipulat fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-Uffiċjali li jaqgħu taħt il-Kundizzjonijiet tax-xogħol għal Uffiċjali fil-Klassi tat-Information and Communications Technology (ICT)

2.12 Waqt il-work placement, il-persuni maħtura, jiġu kkuntattjati mill-Istitut għas-Servizzi pubbliċi biex itemmu l-programm ta' induzzjoni applikabbli.

2.13 L-istudenti li japplikaw permezz ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li bħalissa qed isegwu kors f'Livell 4, se jkollhom l-opportunita' li jkomplu bl-avvanz akkademiku tagħhom. B'mod speċifiku, l-istudenti li jlestu l-Livell 4 se jkunu eliġibbli biex javvanzaw għall-Livell 6 tal-MQF (skond il-korsijiet magħżula tal-ICT identifikati permezz tas-Servizz Pubbliku ta' Malta – ICT Stream). Dawk li jagħżlu li jkomplu l-istudji tagħhom jibqgħu IPS Students sakemm idumu bl-istudji tagħhom taħt din l-iskema iżda ladarba l-istudji tagħhom jiġu konklużi xorta jkunu intitolati li jinħatru fi grad li jkun skont il-livell tal-kwalifika miksuba skont il-Klassi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT).

2.14 Għal korsijiet li jeħtieġu komponent ta' apprendistat, il-kandidati magħżula jagħmlu l-imsemmi perjodu ta' apprendistat waqt il-work placement tagħhom fi ħdan is-Servizz Pubbliku, skont ir-regolamenti u l-obbligi msemmija fl-Att dwar Tagħlim ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat. It-tlestija b'suċċess tal-apprendistat hija rekwiżit obbligatorju għal dawn il-kandidati, u s-sigħat kollha maħduma matul il-work placement jiġu kkreditati lejn l-apprendistat tagħhom.

2.15 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan- notifika tal-ħatra.

2.16 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il- kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal- membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal- 2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill- Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal- Espatrijati fi ħdan Identita` skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.**

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża;

**U**

iii. L-applikanti jridu jkunu rreġistrati bħala studenti full-time mal-MCAST, l-UoM jew kwalunkwe Istituzzjoni oħra rikonoxxuta ta' Edukazzjoni Ogħla u li qed isewgu wieħed mill-korsijiet imsemmija f' sezzjoni 1.1.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

4.1 Evidenza dokumentata li tikkonferma l-iskrizzjoni f'wieħed mill-korsijiet indicate f'paragrafu 1.1 hawn fuq kif ukoll prova ta' kwalunkwe kwalifika u esperjenza ddikkjarata, għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

4.3 L-applikanti huma ġentilment mitluba jindikaw liema kors qed isewgu, mill-lista ta' hawn taħt, meta jissottomettu l-ittra tal-applikazzjoni tagħhom:

a) **Advanced Diploma in IT**
b) **Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks)**
c) **Advanced Diploma in IT (Multimedia Software Development)**
d) **Advanced Diploma in IT (Software Development**
e) **Certificate in ICT Foundation Studies**

**Proċeduri tal-Għażla**

5.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla magħmul minn rappreżentanti tal-IPS u l-MCAST, UoM jew Istituzzjoni oħra rikonoxxuta ta' Edukazzjoni Ogħla sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex adatti u kommessi li jagħmlu l-kors u jekk humiex adatti u kapaċi biex eventwalment jiġu maħtura bħala ICT Support Officer. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 3.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Prinċipal, Istitut Għas-Servizzi Pubblici, Diviżjoni dwar Nies u Standards, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom **jinkludu ittra tal-applikazzjoni** (ġentilment indika liema kors qed issegwi), **Curriculum Vitae** kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history), flimkien ma' **evidenza dokumentata li tikkonferma reġistrazzjoni f 'xi wieħed mill-korsijiet indikati f' para 1.1**, u **kopji skennjati tal-kwalifiki** inklużi traskrizzjonijiet fejn applikabbli, f 'format PDF. Id-dokumenti kollha għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-**5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu, 2025**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid- dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

6.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

6.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

7. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tal-IPS huma https://instituteforthepublicservices.gov.mt/ u ips@gov.mt.